MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Numru. 877/2004

**Pulizija**
**Sp Simon Galea**
**vs**
**Francis Grech**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet kontra Francis Grech ta; 43 sena iben Salvatore u Maria nee Sant mwieled Naxxar fit-13.10.1961 u residenti St. Francis Triq L Falzon Naxxar ID 673861M.**

**Akkuzat talli fit-28 ta' Ottubru 2002 u fis-snin ta' qabel fil-fond Victory Butcher, Parish Square Naxxar, bhala detentur ta' l-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda kkommetta serq ta' kurrent ta' l-elettriku li jammonta ghal izjed minn LM1000 ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat**

**bil-mezz, hin u valur, ghamel hsara jew kisser parti mill-meter ta' l-elettriku jew s-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gummi uzati fil-provista ta' l-elettriku jew is-sigilli taghhom.**

**Rat il-kunsens ta' l-AG moghti fl-14 ta' Ottubru 2004 biex dawn il-proceduri jkunu sommarji. Rat il-kunsens ta' l-imputat biex dawn il-proceduri jkunu sommarji. Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. Rat li l-imputat wara li nghata hin kkonferma l-ammissjoni tieghu kif ukoll ir-rieda tieghu li dawn il-proceduri jkunu sommarji. Ghaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet gew pruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 264(1), 325 tal-Kap 9 ssib l-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrieh izda minhabba li l-imputat hallas is-somma kollha dovuta lill-Enemalta u minhabba li l-fedina penali tieghu hi prattikament nadifa, flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien 20 xahar mill-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------